

32006R0408

10.3.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 71/3

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 408/2006****tad-9 ta' Marzu 2006****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 936/97 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata u għal-laħam tal-buflu ffriżat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 2006/106/KE tat-30 ta' Jannar 2006 dwar il-Konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 li għandu x'jaqsam mal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja, matul l-adeżjoni tagħhom mal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 936/97 <sup>(2)</sup> jipprovdi għall-ftuħ u l-amministrazzjoni, fuq bażi multi-annwali, ta' numru ta' kwoti ta' ċanga ta' kwalità għolja.
- (2) B'riżultat tan-negożjati li wasslu għall-Ftehim approvat bid-Deċiżjoni (KE) Nru 2006/106/KE, il-Komunità kkommettiet ruħha li tinkorpora fl-iskeda tagħha għall-Istati Membri kollha żieda ta' 150 tunnellata tal-kwota tariffarja annwali ta' importazzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja.
- (3) Barra minn dan, il-kwalifika għall-kwota ta' ċanga ta' kwalità għolja allokata lill-Awstralja hi soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 936/97. Sabiex tirreferi għal parametri li huma verifikabbli, id-definizzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja fl-Artikolu 2(b) ta' dan ir-Regolament għandha tkun modifikata u għandha tirreferi għal kategoriji uffiċjali definiti fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament mill-awtoritajiet kompetenti Awstraljani.
- (4) Huwa xieraq ukoll li jkun speċifikat li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, li jistabbilixxi sistema

għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem bovini u jistipula dispożizzjonijiet dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga, ikunu applikabbli għall-importazzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja msemmija fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 936/97.

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 936/97 għandu jkun emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 936/97 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1(1) huwa emendat kif ġej:
  - (a) fl-ewwel inċiż tal-ewwel subparagrafu, "60 100 tunnellata" huma mibdula b' "60 250 tunnellata";
  - (b) it-tieni subparagrafu hu mibdul b'li ġej:
 

"Madankollu, il-volum totali ta' kwoti ta' tariffi għandu jkun ta' 59 675 tunnellata fis-sena ta' importazzjoni 2005/2006."
- (2) Fl-Artikolu 2, il-punt (b) hu emendat kif ġej:
  - (a) fl-ewwel subparagrafu, "7 000 tunnellata" hu mibdul b' "7 150 tunnellata";
  - (b) it-tieni sub-paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Qatgħat magħżulin minn karkassi ta' għoġiela jew erieħ li ġew ikklassifikati taħt waħda mill-kategoriji uffiċjali li ġejjin 'Y', 'YS', 'YG', 'YGS', 'YP' u 'YPS' kif iddefinit mill-AUS-MEAT Australia. Il-kulur taċ-ċanga għandu jkun konformi mal-istandards ta' referenza tal-kulur tal-laħam tal-AUS-MEAT bin-numri 1B sa 4, il-kulur tax-xaħam mal-istandards ta' referenza tal-kulur tax-xaħam tal-AUS-MEAT bin-numri 0 sa 4, u l-ħxuna tax-xaħam (imkejla fil-post P8) mal-klassijiet tax-xaħam bin-numri 2 sa 5 ta' l-AUS-MEAT."

<sup>(1)</sup> ĠU L 47, 17.2.2006, p. 52<sup>(2)</sup> ĠU L 137, 28.5.1997, p. 10. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2186/2005 (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 74).<sup>(3)</sup> ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bl-Artikolu tad-adeżjoni tal-2003.

Il-qatgħat għandhom ikunu ttikkettjati skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).

L-indikazzjoni 'Ġanga ta' Kwalità Għolja' tista' tiġi miżjuda mal-informazzjoni fuq it-tikketta;

Madankollu, għas-sena ta' importazzjoni 2005/2006 il-kwota tat-tariffa għandha tkun ta' 800 tunnellata piż tal-prodott għal laħam li jikkorrispondi mal-kodiċi NM

imsemmija fl-ewwel subparagrafu u li jikkonformaw mar-rekwiżiti previsti fit-tieni u r-raba' subparagrafi;

(\*) ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1.”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Marzu 2006.

*Għall-Kummissjoni,*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membri tal-Kummissjoni*